**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 02-10

**Data:** 25 ta' Frar 2010

**Hin:** 17.45p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi - Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta gew approvati bi proposta tas-Sindku Michael Cohen sekondat mill-Kunsillier Roderick Mizzi wara li l-kunsilliera Speranza Chricop gibdet l-attenzjoni li fl-aggornament taghha ghandu jitnizzel li hi ghamlet referenza ghall-bankina ta' Triq il-Missjoni Taljana.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Dwar il-punti mqajjma mill-Kunsilliera Speranza Chircop, is-Sindku gibed l-attenzjoni li dwar l-ilment li ghaddewlha xi nies li l-kennies m'huwiex jiknes taht il-bankina ta' Triq il-Missjoni Taljana, huwa flimkien mal-Vici Sindku qablu li li l-kennies jarawh kemm il-darba jiknes il-post imsemmi, imma jista jkun li dawn ir-residenti qieghdin jirreferu ghat-trab li jingema bir-rih u bix-xita.

**3. Mill-aggornament**

3.1 Serata tal-Karnivall - Il-kunsilliera Maria Sultana qalet li l-attivita' kienet tajba hafna, l-atmosfera tal-karnivall kienet sabiha u l-uniku nuqqas zghir kien l-access ghat-traffiku minn mar-roundabout tax-xatt.

3.2 Il-kunsilliera Maria Sultana avzat lill-Kunsill dwar il-kors tat-taljan li ser jibda ghall-ahhar ta' Marzu. Hija pproponiet lis-Sur Edward Spiteri sabiex jghallem dan il-kors pero ma hadietx vot peress li huwa membru tal-familja. Ghalhekk is-Sindku ressaq din il-proposta ghall-approvazzjoni u din ghaddiet b'vot unanimu.

3.3 Dwar it-tindifa fl-iskola primarja Kalkara, Maria Sultana qalet li d-data ghadha qieghda tigi kkordinata, Hija sostniet ukoll li ghandha tinstab soluzzjoni dwar kif jista jitnaddaf il-hajt tat-tarag ta triq San Mikiel.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

4.1 Ittra minn ghand il-kazin Circolo San Giuseppe, Socjeta Filarmonika Sagra Familja dwar xi proposti dwar pjazza Sagra Familja li qeghdin jaghddu lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddecieda li jigu mistiedna l-president u s-segretarju ta' din l-ghaqda, ghall-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jigu diskussi dawn il-proposti.

4.2 Kwotazzjoni tal-mafkar tal-gwerra.
Is-sindku nforma lill-kunsill li kwotazzjoni tal-mafkar tal-gwerra dahlet wahda, minkejja li l-avviz hareg fuq il-gazzetti. Huwa qal li l-ammont ghal din il-kwotazzjoni lahhaq l-40,000 ewro u ghalhekk ma tistax tigi kkunsidrata minhabba li hija wisq gholja u li dak l-ammont jilhaq ghal sejha ghall-offerti.

4.3 Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' - Is-sindku nforma lill-Kunsill li rcieva r-rapport mill-KNPD dwar l-istudju ta' accessibilta' ahjar fl-iskola primarja. Il-KNPD talbu d-daqs tar-ramp lift u ghalhekk ser jigi kkuntattjat il-perit sabiex jissupplixxi din l-informazzjoni mitluba mill-KNPD.

4.4 Vakanza ta' Customer Care attendant fuq skala 16.
Is-sindku ressaq lill-kunsill il-kuntratt tas-Sinjura Carmen DeGiovanni li jiskadi fl-ewwel ta' Marzu fejn huwa fakkar lill-Kunsill li dan il-kuntratt prezenti bhala xiri ta' servizz ma jistax jigi mgedded bir-riforma l-gdida tal-Kunsilli Lokali. Wara li l-Kunsill Lokali ressaq il-kaz tas-Sinjura DeGiovanni lid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali u sahansitra lill-Onor Chris Said pero ma nghata l-ebda risposta dwar dan il-kaz, huwa qal li jkun ghaqli li jitkompla l-processs skond il-ligi. Skont il-ligi tal-kunsilli lokali, il-process ta' mili ta' postijiet vakanti jibda billi tohrog sejha interna fil-Kunsill Lokali koncernat. Ghalhekk il-Kunsill ser johrog komunikat mal-impjegati tal-Kunsill Lokali sabiex min huwa nteressat, japplika ghall-vakaza ta' Customer Care attendant fuq skala 16. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu ma din il-proposta.

4.5 S-Sindku ressaq ukoll proposta ta' gholi fil-grad tal-handyman prezenti tal-Kunsill Lokali is-Sur Martin Meilaq ghal skala 18 li huwa l-inqas grad li jista jigi mpjegat mal-kunsill.

5. Migja tal-Papa
Is-sindku ltaqa mas-Sur Charles Bonello, ic-Chairman tal-Bord organizzattiv ghaz-zjara tal-Papa. Huwa nforma lill-Kunsill dwar l-arrangamenti ghall-post alternattiv ghad-dghajjes li hemm Ex Bruno Stores peress li ghall-migja tal-Papa dawn ma jistghux jithallew fil-post imsemmi.

Is-Sindku semma wkoll il-problema tat-tower crane fi triq Marina. Huwa nforma lill-kunsill li skond il-kumitat organizzattiv ghall-migja ta' Papa, dan ghandu jizzarma pero l-iscaffolding jista jihalla bil-kundizzjoni li jitghatta sew.

Il-gnien tas-salvatur ghandu jitnaddaf u jinzera ghal dehra isbah kif ukoll ghandha ssir stima ghall-pots imhawwlin sabiex jitwahhlu mad-dawra konki tal-palm ta mal-bahar. Issemma wkoll li kif inhu l-waqt isiru l-konki ta' mad-dawra tal-palm tad-dahla tal-mina u jinzerghu bil-fjuri.

Is-Sindku nforma lill-kunsill li harget kwotazzjoni ghaz-zebgha sabiex tinzebgha l-bankina kollha ta' mal-

bahar kif ukoll harget sejha ghall-offerti ghall-resurfacing tat-toroq bil-hot asfalt sabiex issir parti minn Triq Marina. L-avvizi ghal dawn is-sejhiet dehru kif inhu stabbilit bil-ligi. Is-Sindku nforma lill-kunsill li ghar-resurfacing tat-triq Marina, l-Kunsill applika ghall-skema ta' finanzjament permezz ta' Memo 32/2010.

Aktar arrangamenti marbutin maz-zjara tal-papa fil-lokalita taghna huma dawn:
Il-baned tal-lokal ha jdoqqu fl-okkazjoni, is-surmast ghandu jghaddi l-lista ta' marci li ser jindaqqu fl-okkzjoni. Armar b'sett bandalori u l-kumplament tal-bnadar ghandhom ikunu dawk tal-Papa u ta' Malta. Ser jintrama Clinic fis-sala parrokjali kif ukoll mobile clinic fi Triq Marina. Ser jitpoggew mobile toilets f'diversi postijiet ghall-okkazjoni.

6. <u>**Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji u Budget**</u>

Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-estimi finanzjarji ghas-sena 2009-2010 u l-Budget ghas-sena 2010. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu mal-Estimi Finanzjarji u l-Budget imressqa.

7. <u>**Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq**</u>.

Xoghol ta' manutenzjoni ta' dawl - Is-sibt il-kuntrattur ser idur sabiex jirranga l-hsarat.

Giet approvata l-lista ta' pagamenti bin-numru 02-2010.

8. <u>**Aggornament**</u>

8.1 <u>Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:</u>

8.1a Ser tigi organizzata Car Show fix-xatt tal-Kalkara nhar il-Hadd 21 ta' Marzu fit-8.30 ta' filghodu. Jintalab pulizija sabiex jassisti t-traffiku.

8.2 <u>Il-Kunsillier Roderick Mizzi qajjem dawn il-punti</u>:

8.2a Ser tigi organizzata il-breakdance battle nhar l-20 t'Awwissu fix-xatt tal-Kalkara

8.3 <u>l-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:-</u>

a. Jinzebah il-hadid tat-tarag ta' fejn l-iskola

b. Hofra fi triq il-Konvoj ta' Santa Marija

c. L-iskola ghandhom compjuters u typewriters hziena sabiex jigu kkunttatjati l-kuntratturi koncernati biex dawn l-affarijiet jistghu jigu reciklati.

8.4 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:</u>

a. Regghet fakkret is-suggeriment tal-busshelter tal-bus stop fi Triq Santu Rokku quddiem ic-cimiterju tal-commonwealth.

b. Harga Kulturali ghall-irgiel ghal-Ghawdex f'Marzu.

c. Talba ghall-bins tar-recyling fejn il-Ground tal-futbol. Is-Sindku nfurmha li diga hemm il-Bring in sites ftit il-boghod.

d. Il-Kors tal-aerobics ser ikompli.

e. Breakfast u laqgha ta' nformazzjoni ghall-anzjani u l-familja nhar it-8 ta' Marzu.

Il-Laqgha giet aggornata ghall-Hamis 25 ta' Marzu 2010 fil-17.30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| M Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |